# Il-Kappella ta' Santa Marija "Taż-Żejfi"

*Mark Micallef Perconte B. Accty (Hons)*

Il-Kappella ta' Santa Marija magħrufa l-aktar bħala "Taż-żejfi" tinsab fl-inħawi tal-Besbiżija fil-Mosta. Din il-kappella tmur lura għal żminijiet bikrin però ma għandniex data preċiża meta nbniet. Kienet tagħmel bħala parti mil-limiti tal-Katidral għalkemm fir-rapporti ta' xi visti pastorali ta' xi isqfijiet din kienet magħduda mat-territorju parrokkjali tal-Mosta.

L-ewwel ħjiel jurina li din il-kappella kienet mibnija fis-seklu sittax minn familja mill-Mosta. Iktar tard nafu li din il-kappella , biċ-ċimiterju tagħha ġiet mibnija mill-ġdid minn Dr GioMaria Camenzul. Dan sar skont id-digriet li kien ħareġ il-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-zmien Dr Dun Filippu Borg, bid-data tal-5 ta' Diċembru 1607.

Dr GioMaria Camenzuli, imlaqqam "iż-Żejfi" ħalla ġidu kollu għal din il-kappella. Din id-donazzjoni saret nhar il-11 ta' Awwissu 1610. Għalhekk maż-żmien din il-Kappella baqgħet magħrufa b'dan il-laqam.

Minn ġewwa l-kappella hija waħda sempliċi u ħelwa. Is-saqaf tal-kappella jistrih fuq ħnejjiet u l-art hija ċċangata bil-madum. Din il-kappella fiha artal tal-ġebel u prospettiva sempliċi, xogħol fil-ġebla Maltija. Dan l-artal qiegħed f'daħla li mal-ġnub tiegħu jitilgħu żewġ pilastri u fuqhom jżommu arkata. F'din l-arkata hemm imnaqqxa għadd ta' stillel.

Il-kwadru titulari huwa kopja fidila tal-kwadru oriġinali li kien jinsab il-kappella. Il-kwadru oriġinali kien insteraq mill-kappella f'Diċembru 1988. B'xorti tajba l-kwadru oriġinali ġie misjub u għalhekk b'deċizjoni għaqlija tpoġġa fis-sagristija tar-Rotunda ħalli jiġi ndukkrat aħjar. Il-kwadru jirrapreżenta l-Assunzjoni tal-Madonna mdawra f'għadd ta' angli fuq is-sħab. Fil-parti ta' isfel naraw żewġ qaddisin li għandhom devozzjoni antika fil-Mosta. Fuq in-naħa tax-xellug hemm il-figura ta' San Anton Abbati filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin insibu l-figura ta' San Pawl Eremita. Dawn iż-żewg qaddisin għandhom devozjoni antika wkoll fil-Mosta u filfatt insibu żewġ kappelli ddedikati lilhom u li kull sena ssir il-festa tagħhom ukoll.

Din il-kappella ġiet irrestawrata bit-tħabrik tal-prokuratur tagħha, Mons. Salv Magro fl-1989 u tpoġġiet statwa tal-Madonna fil-kampnar li hemm fil-faċċata tal-kappella.